

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?

Parti li ma tkunx sodisfatta bis-sentenza tal-qorti distrettwali (tingsrätt) tista' tressaqha quddiem il-Qorti tal-Appell (hovrätt). Id-dettalji ta' kif tagħmel dan huma mogħtija fis-sentenza. F'xi każijiet, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-appell sabiex il-Qorti tal-Appell tkun tista' tiegħu l-kawża f'idejha. Jekk is-sentenza tiġi appellata, ġeneralment ikun hemm proċess ġdid fil-Qorti tal-Appell. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-partijiet li ġarrbu d-dannu u x-xhieda ma jkollhomx bżonn ikunu preżenti matul dan il-proċess. Minflok, terġa' tinstema' x-xhieda mill-qorti distrettwali. Madankollu, fi ftit każijiet, il-Qorti tal-Appell tista' tiegħu deċiżjoni dwar il-kawża mingħajr ma tmexxi xi seduta ta' smiġħ prinċipali.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġeneralment tkun tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti Suprema (Högsta domstolen). Madankollu, il-Qorti Suprema tisma' biss kawża jekk ikun hemm kwistjoni ta' prinċipju (preċedent) involuta jew fejn ikun hemm raġunijiet ovvji għal proċess mill-ġdid, bħal żball kbir mill-qorti distrettwali jew mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk, fil-prattika, il-Qorti tal-Appell ġeneralment tkun il-qorti tal-aħħar istanza.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?

Jekk inti parti fil-kawża, għandek id-dritt li tirċievi kopja bil-miktub tas-sentenza mill-aktar fis possibbli. Jekk mintix parti fil-kawża, trid tikkuntattja lill-qorti sabiex tikseb dettalji tal-kontenut tas-sentenza.

Ġeneralment, inti tkun intitolat(a) li jkollok id-dokumenti tradotti. Jekk ikun meħtieġ, il-qorti tista' tittraduċi d-dokumenti ppreżentati lill-qorti jew mibgħuta minnha. Madankollu, jista' jkollok bżonn tikkuntattja lill-qorti u titlob dan is-servizz. It-traduzzjoni tiġi pprovduta lilek mingħajr ħlas.

Inti ma tistax tkun irrappreżentat(a) minn 'konsulent legali għall-parti li ġarrbet id-dannu (målsägandebitråde) għas-spejjeż tal-pubbliku f'dan l-istadju tal-proċess ġudizzjarju. Id-dmir tal-konsulent legali li jassistik jiġi fi tmiemu ladarba jintemmu l-proċedimenti. Madankollu, tista' tagħżel li tqabbad rappreżentant legali għas-spejjeż tiegħek. Jekk inti tkun intitolat(a) għal għajnuna legali, l-Istat jista' jkopri parti mill-ispejjeż tiegħek għar-rappreżentanza legali.

Jekk tkun teħtieġ persuna ta' appoġġ f'dan l-istadju, tista' tikkuntattja lil waħda mill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ f'dan il-qasam, bħal linja ta' appoġġ għall-vittmi jew linja telefonika għall-għajnuna lin-nisa - Brottsofferjouren Sverige, Riksorganisationen för kvinnojourer och tjejjourer i Sverige (ROKS), Unizon, eċċ.

Inkun intitolat(a) għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

Iva, tista' tkun intitolat(a) għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess. Ma hemm ebda limitu partikolari għaż-żmien li matulu tista' tirċievi appoġġ jew protezzjoni minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew mis-servizzi soċjali. Hemm xi limiti ta' żmien applikabbli għad-data personali protetta. Tista' taqra aktar dwar dan taħt "Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu" (Id-drittijiet tiegħi bħala l-vittma ta' reat).

X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jingħata s-sentenza?

Is-sentenza tispeċifika, pereżempju, is-sentenza mogħtija u għal kemm żmien għandha tibqa' fil-ħabs il-persuna

kkundannata. Fil-każ ta' reat kontra l-persuna (reati kontra l-ħajja, is-saħħa, il-libertà jew is-sigurtà tal-persuna), inti bħala l-persuna li ġarrbet id-dannu tiġi mistoqsija mis-Servizz Żvediż tal-Ħabs u tal-Probation dwar jekk tixtieqx li tkun infurmata:

- dwar l-istituzzjoni li fiha tqiegħdet il-persuna kkundannata fl-lżvezja,
- jekk il-persuna kkundannata tiġix imċaqilqa għal istituzzjoni oħra jew ittrasferita lejn pajjiż ieħor,
- jekk il-persuna kkundannata tinsabx xi mkien ieħor barra l-istituzzjoni,
- jekk il-persuna kkundannata jew is-Servizz Żvediż tal-Ħabs u tal-Probation japplikawx sabiex sentenza ta' għomor il-ħabs tinbidel f'waħda inqas ħarxa,
- jekk il-persuna kkundannata nħelsitx,
- jekk il-persuna kkundannata ħarbitx jew ħarġitx mill-ħabs, jew
- jekk il-persuna kkundannata ħarbitx wara liv jew ħin ieħor li tkun qattgħet barra l-istituzzjoni.

Is-Servizz Żvediż tal-Ħabs u tal-Probation ma għandux bżonn jipprovdi notifikazzjoni jekk din tista' tipperikola l-ħajja jew is-saħħa tal-persuna detenuta.

Ser inkun infurmat jekk it-trasgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

Fil-każ ta' reat kontra l-persuna (reati kontra l-ħajja, is-saħħa, il-libertà jew is-sigurtà tal-persuna), inti bħala l-persuna li ġarrbet id-dannu tiġi mistoqsija mis-Servizz Żvediż tal-Ħabs u tal-Probation dwar jekk tixtieqx li tkun infurmata:

- jekk il-persuna kkundannata nħelsitx,
- jekk il-persuna kkundannata ħarbitx jew ħarġitx mill-ħabs, jew
- jekk il-persuna kkundannata ħarbitx wara liv jew ħin ieħor li tkun qattgħet barra l-istituzzjoni.

Ser inkun involut(a) f'deċiżjonijiet dwar ħelsien jew libertà kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew inressaq appell?

Le, ma għandekx dan id-dritt.

■ L-aħħar aġġornament: 15/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.